## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 464/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Seduta tal-24 ta' Ġunju, 2019

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Christopher Abela detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 186269M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, talli nhar is-27 ta' Diċembru, 2013 għal ħabta ta' 23:50hrs bħala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment Taboo Bar, Triq Bormla, Paola ppermetta mużika li tinstema' minn barra wara l-23:00hrs u dan bi ksur ta' LN 1/2006 Reg 38 (2) ( c).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal- 4 t'Ottubru, 2016 li biha sabet lill-Christopher Abela ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal ammenda ta' ħames mitt Ewro (500) u ai

termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta issospendiet l-liċenzja mogħtija lill-appellant f' dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' ħmistax –il jum;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christopher Abela, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-13 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar** u tirrevoka s-sentenza fejn sabitu ħati tal-ewwel [sic] imputazzjoni u tilliberaħ minn kull ħtija u piena **jew tirriformaha u tvarjha** in kwantu l-piena billi minflok il-piena inflitta tissostitwixxi l-istess b'piena aktar ekwa u ġusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda (dawk li d-deposizzjoni taghhom ma kienitx registrata mill-ewwel Qorti);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

1. Illi jokkorri qabel xejn li jitqieghdu in rassenja s-segwenti fatti ghall-ahjar apprezzament ta' dan l-appell. Din il-kawza instemghet flimkien ma' ohra kontra l-istess imputat li originaw minn kwerela maghmula minn koppja , li tirrisjedi fuq hanut tax-xorb gestit mill-appellant, minhabba daqq ta' muzika b'volum gholi wara l-hdax ta' filghaxija. Din il-kwerela hija wahda minn sensiela ohra li naturalment ser ikunu konsiderati u decizi separatament skond il-mertu taghhom b'dan illi kif maqbul bejn il-partijiet, id-deposizzjoni tax-xhieda u r-rapporti peritali jkunu jiffurmaw il-provi fil-kawzi kollha. Il-kaz odjern,

izda, ma originax minn kwerela izda minn azzjoni *ex officio* mill-Pulizija ezekuttiva wara spezzjoni ta' rutina fl-inhawi tal-bar.

2. Jokkorri ukoll li jkun senjalat illi fis-sottomissjonijiet orali tieghu, l-abbli difensur tal-appellant ressaq argumenti li ma kienux akkluzi bhala aggravji fir-rikors tal-appell. Huma biss dawk il-lanjanzi msemmija fir-rikors tal-appell li ser ikunu konsiderati naturalment ghaliex f'dan l-istadju mhux permess li jizdiedu aggravji godda;

3. Dwar dawn l-ilmenti, l-ewwel Qorti kienet nnominat espert biex jirrelata dwar il-livell ta' hsejjes emanenti minn dan il-bar. Huwa evidenti li din ma kienitx xi bicca xoghol facli ghaliex jidher li l-appellant, ghad illi kien inghata estensjoni ghal-hinijiet tal-eghluq mill-hdax ta' filghaxija sal-erbgha ta' filghodu, l-licenzja tieghu xorta wahda kienet tillimitah ghad-daqq ta' muzika mhux aktar tard mill-hdax ta' filghaxija. Licenzja estiza tal-flugh jew le, huwa kellu dejjem josserva l-limitu sia tal-hin tal-hdax ta' filghaxija kif ukoll li d-daqq ta' muzika f'dak il-parametru ta' hin qatt ma tkun ta' inkonvenjent lill-girien. Issa ghalkemm in atti hemm kopja tar-relazzjoni tal-espert tal-Qorti, strettament din ma ghandu jkollha ebda ness mal-kaz odjern ghaliex dan jitratta *sic et simplicitur* ta' daqq ta' muzika gewwa bar b'volum tali li bdiet tinstema minn barra kif riskontrat minn tlett ufficcjali tal-Pulizija li kienu qed jaghmlu spezzjoni ta' stabilimenti f'dawk l-akkwati;

4. L-appellant jillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti bi gravam kwantu s-sejbien ta' hitja u iehor dwar il-piena erogata. Fl-ewwel aggravju tieghu l-imputat iressaq s-segwenti argumenti li ser ikunu kunsiderati *seriatim.*

5. L-ewwel aggravju l-appellant huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti u l-appellant jibda billi jressaq l-argument illi l-muzika ma kienitx qed tinstema minn barra kif rrapurtat mill-Pulizija. Dan għaliex l-appellant kien diġa addotta l-miżuri li kien qallu biex jagħmel il-Professur

Joseph Agius [nominat mill-ewwel Qorti kif spjegat *supra* ]. Marbut ma' dan, jargumenta ukoll illi l-affidavit ta' PC 1231 Roderick Agius ma jistax jkun kunsidrat ghaliex id-data tal-ispezzjoni hija indikata bhala 27 ta' Diċembru, 2012 meta l-ispezzjoni saret fis-27 ta' Dicembru, 2013. Hemm ukoll affidavit ta' zewg ufficcjali ohra tal-Pulizija, izda dawn ma jispeċifikawx f'liema parti tat-triq kienu u kemm kienu 'l bogħod mill-istabbiliment meta semghu il-muzika;

6. Bid-dovut rigward, din il-linja difensjonali hija wahda fierha ghall-ahhar. Id-data indikata minn PC 1231 fl-affidavit tieghu, igifieri id-data tal-ispezzjoni hija evidentement *lapsus calami* u ta' ebda konsegwenza ghaliex kollox juri li l-ispezzjoni flimkien ma' PS 1030 u PC 1438 (li t-tnejn irrilaxxjaw affidavit) saret fis-27 ta' Dicembru 2013 fil-hin ta' 23:50. Kwantu f'liema parti tat-triq kienu jinsabu l-ufficcjali tal-Pulizija meta semghu il-muzika huwa irrilevanti. PC 1231 jghid: Fost il-postijiet li saru spezzjonijiet fihom kien hemm stabbiliment bl-isem ta' Taboo Wine Bar li jinsab gewwa Triq Bormla, Paola, li hekk kif konna resqin lejh mill-ewwel stajna nisimghu l-muzika b'volum gholi;

7. Huwa inutili ghall-appellant li jinsisti mar-ragonament tieghu li l-ufficcjali tal-Pulizija bilfors li setghu jisimghu il-muzika ghaliex kienu fuq il-bankina tal-istabbiliment u li dawn ma kienux jisimghuwha minn distanza aktar boghod minn hekk;

8. Din il-Qorti eżaminat l-atti u r-relazzjonijiet bir-reqqa u skont ir-relazzjonijiet preżentati mill-Profs Agius huwa kien maħtur l-ewwel darba fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2014 u l-ewwel aċċess sar fl-1 ta' Frar,2014 iġifieri ferm wara l-imputazzjoni mertu ta' dan l-appell (ara relazzjoni tal-Professur Agius a fol 44 tal-appell 465/2016). Ghalhekk l-argument tal-appellant li kien gia ha l-prekawzjonijiet suggeriti mill-perit tal-Qorti meta l-ufficcjali tal-Pulizija accedew fuq il-post ma jregix.

Inoltre l-fatt illi muzika kienet tinstema' minn barra l-istabiliment anke wara l-hdax ta' filghaxija ifisser biss illi kien hemm ksur tar-regolament 38(2)(c) tal-Avviz Legali 1 tal-2006;

4. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjonijiet tagħha u għal dawn ir-raġunijiet dan l-aggravju qed jkun michud;

5. Fit-tieni aggravju, l-appellant jikritika l-piena erogata mill-Ewwel Qorti bhala waħda esaġerata. Kif ritenut mill-Qrati tagħna in materja ta' piena, l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena kominata sakemm din ma tkunx 'l hinn mill-limiti stipulati mill-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt erogata. Prinċipju dan riaffermat b'mod kostanti kif jemerġi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġjalment mogħtija fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs ommissis u Noel Frendo tat-3 ta' Diċembru, 2015. Il-piena hija fil-parametri tal-liġi u mhux eċċessiva konsiderando li skont l-artikolu 18 tal-Kap 441 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ jekk wieħed jinstab ħati għall-ewwel darba, jista' jeħel ammenda ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) imma ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69). Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed ikun milqugħ.

7. Għal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u t-terminu ta' sospensjoni jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.